# L-ORDNI U L-LINGWA NGLIZA F'MALTA

**Fost it-tmien Lingwi (Nazzjonijiet) tal-Ordni Gerosolmitan, magħruf ukoll bl-Ordni ta' Malta, kien hemm il-Lingwa Ngliża: U bħalma l-membru ewlieni ta' kull Lingwa kellu titlu u kariga speċjali, hekk ukoll il-Balliju Konventwali ta' l-Ingilterra kellu t-titlu ta' "Turkopolier" (kelma ġejja mill-isem taż-żwiemel ħfief li l-kavallieri nsara kienu jużaw fil-Palestina). U bħala kariga kellu dik li jikkmanda l-kavallerija ħafifa u l-għasses taxxtut.**

*Minn Mons. Prof. A. Bonnici*

### IT-TMIEM TAL-LINGWA NGLIZA

Meta r-Re Enriku VIII ta' l-Ingilterra, fl-1534, qata s-saltna tiegħu mis-Santa Sede minħabba fir-Riforma Protestanti huwa kkonfiska l-ġid kollu tal-Lingwa Ngliża ta' l-Ordni u b'hekk dik il-Lingwa sabet it-tmiem tagħha.

Ma nistax hawnhekk ma nsemmix lill-kavallier qalbieni ngliż Hadrian Fortescue, li miet martri tal-Fidi tiegħu matul il-persekuzzjoni protestanta, u lill-Kavallier Sir James Shelley li xtara dar fil-Belt, Triq Sant'Orsla ma' Triq San Kristofru, bit-tama li ssir Berġa tal-Lingwa tiegħu, meta u jekk din terġa' titwaqqaf. Għaliex minnha biss kien fadal id-dinjita' ta' Pirjol tal-Ingilterra. Is-setgħa ta' "Turkopolier" ngħatat lis-Sineskalku li kien il-Kavallier li jieħu ħsieb il-Palazz Maġistrali u jirrappreżenta lill-Granmastru.

Saru xi tentattivi biex dik il-Lingwa terġa' tieħu l-ħajja, iżda dawn sfaw fixxejn. Fost ir-raġunijiet l-oħra kien hemm dik li s-Slaten ta' Spanja, li kellhom is-sovranita' assoluta fuq Malta, ma tantx xtaqu li fl-Ordni jkun hemm membri li jappoġġaw l-Ingilterra, li kienet l-għadu politku ta' Spanja.

### TAMA TA' QAWMIEN

B'danakollu, it-tama li 'l quddiem dik il-Lingwa setgħet terġa' tqum ma nqatetx għal kollox. Ix-xiri taddar li semmejna mill-Kavallier Shelley juri s-sew ta' dan li qed ngħidu.

Għadda ż-żmien (u jgħidu li ż-żmien idewwi l-griehi), u bejn l-Ingilterra u l-Ordni reġgħet bdiet dieħla l-ħbiberija, speċjalment fi żmien ir-Re Karlu II.

Fl-1661, dak is-Sultan Ingliż kiteb ittra bil-Latin "lill-Habib u Kuġin tiegħu" il-Granmastru Raffael Cotoner u fiha wrieħ ilħsieb tiegħu li jżomm flotta permanenti fil-Mediterran biex ipatti għall-insulti kontinwi li kienu qegħdin jagħmlu lill-Ingliżi n-nies tal-Barberija u tat-Turkija.

Fis-sena 1673, huwa talab lill-Ordni xi lsira li kienu Malta biex jarma żewġ xwieni biħom u talab li jkun eżenti mill-ħlas taddazju bħalma kienu eżenti Spanja u Franza.

Fl-1675, l-Ingliżi daħlu fi gwerra ma' Tripli, għax il-kursari Barbareski qabdu xi xwieni merkantili tagħhom. Matulha l-flotta ngliża fil-Mediterran bdiet ta' sikwit tidħol fil-Port ta' Malta għal proviżjon.

Iżda darba minnhom l-Armirall Narborough fettillu ma jridx jagħti s-salut lill-istendard tal-Ordni u għalhekk il-batterija taxxtut ma ssalutawx lilu. Narborough għamel "complaint" lill-Granmastru u qallu li hu kien jistenna li l-bandiera ta' Sidu tieħu s-salut li jingħata lill-bandiera ta' Spanja u ta' Franza. Il-Kunsill Ġenerali ddeċieda li jingħata s-salut, kemm-il darba jibda jagħti s-salut l-Armirall. Ir-Re aċċetta din il-proposta u bdew isiru s-saluti lil xulxin.

Fil-gwerra li semmejna l-Ingliżi mblukkaw Tripli u daħlu fil-port tagħha. Kissru x-xwieni barbareski li kien hemm ankrati fih. Il-Baxa talab il-paċi. Bis-saħħa ta' Narborough inħelsu mhux biss l-ilsira Ngliżi, iżda wkoll l-ilsira Maltin. Għalhekk il-Granmastru b'radd ta' ħajr ta 600 dublun lill-Armirall bħala rigal. Karlu II bagħat jiżżi ħajr lil Cotoner ta' l-għajnuna li tah.

### IL-GWERRA TAS-SUCCESSJONI

Għadda ż-żmien u fl-1700 miet Karlu II ieħor: din id-darba mhux tal-Ingilterra, imma ta' Spanja. Billi dan ma kellux tfal, qamet kwestjoni dwar is-suċċessur tiegħu. Tlieta minnies ippretendew dik is-saltna. Dawn kienu Lwiġi XIV (Erbgħatax) Re ta' Franza, Leopoldu I, Imperatur tal-Ġermanja u Ġużeppi Ferdinandu, Prinċep Elettorali tal-Bavarja. Il-kwestjoni ma kienetx biss ġenealoġika jew familjari, iżda wkoll politika. Għaliex iż-żewġ Potenzi kbar navali ta' dak iż-żmien — l-Ingilterra u l-Olanda — ma riedux li l-Kuruna qawwija ta' Spanja tingħaqad ma' dik ta' Franza jew ma' dik tal-Mexxej tal-Awstrija.

Inbdiet gwerra li ssejħet "Gwerra tas-Suċċessjoni", li fiha l-Ordni ta' Malta, li kien iħaddan Kavallieri ta' kull nazzjon, żamm newtralita' kbira fost il-pretendenti tant li r-Reġina Anna tal-Ingilterra kitbet lill-Grammastru Ramon Perellos u waslet biex teħodha kontrih fuqhekk: Il-Grammastru wieġeb b'ittra li ġġib id-data tal-31 ta' Marzu 1713 u fiha qallha li l-Flotta Ngliża dejjem tħalliet tagħmel użu mill-Port ta' Malta u Armiralli u Ambaxxaturi Ngliżi dejjem irċevew il-ġieħ mogħti lil-Ġenerali u Ministri ta' Saltniet kbar; fil-gwerra ma' Tripli l-Flotta Ngliża wżat il-Port Malti, mnejn kienet tieħu wkoll l-ammunizzjon. Jingħad li d-daħla ta' bejn il-Forti Ricasoli u Bighi, minn dak iż-żmien, bdiet tissejjaħ "il Porto degli Inglesi".

### REGGHET TWAQQFET

Għaddew 70 sena oħra u l-Grammastru Manoel de Rohan ġietu l-idea li jwaqqaf Lingwa oħra biex fiha jdaħħal id-dinjitajiet Ingliżi. L-okkażjoni ma damitx ma ġietu. Fl-1773, tkeċċew mill-Bavarja l-Patrijiet Ġiżwiti. Ir-Rapprezentanti tal-Ordni ta' Malta f"dik il-Qorti pperswadew lill-Prinċep Elettur Karlu Teodosju biex isawwar Prijorat tal-Ordni tagħhom fli Stat tiegħu u jiddotah bil-ġid tal-Ġiżwiti mkeċċija.

Il-Papa Klement XIV (Erbgħatax) wera ruħu kuntrarju għal din id-dotazzjoni. Kien il-Papa ta' warajh Piju VI (Sitta) li ta dik il-konċessjoni fit-30 ta' Settembru 1789:

L-Ambaxxatur Plenipotenzjarju Naplitan fil-Qorti Ngliża ppropona lir-Re Ingliż Ġorġ III biex jippermetti li terġa' titwaqqaf l-Lingwa Ngliża fl-Ordni Gerosolmitan. Ir-Re approva, u, f'ittra li ġġib id-data tat-18 ta' Lulju 1783, huwa stqarr li dejjem interessa ruħu ħafna f'dak li hu ta' ġid għall-Ordni Militari li għal tant sekli kiseb u żamm stima u qima għolja.

Wara dan twaqqfet il-Lingwa Anglo-Bavara li fiha ġie inkorporat ukoll il-Prijorat tal-Polonja. Bħala Berġa, il-Lingwa l-ġdida bdiet tuża l-Palazz Carnerio ħdejn Sant Iermu, li għadna għalhekk insejħulu sallum "il-Baviera". Billi f'San Gwann ma kienx fadal kappelli kbar x'jingħataw, l-Ordni qatagħha li l-Lingwa Anglo-Bavara kellha tuża bħala kappella tagħha dik il-qatgħa żgħira li hemm fil-kappella ta' Provenza maqtugħa b'kanċell tal-bronz, li hi magħrufa wkoll b'Kappella tar-Relikwiji, minħabba fl-għadd kbir ta' relikwiji li hemm miżmuma fuq l-artal ta' San Karlu Borromeo. B'dan il-mod il-ftit Kavallieri Ngliżi, li qabel kienu bdew jiltaqgħu fid-daħla li hemm għall-Oratorju, setgħu jiltaqgħu f'post aktar riservat għalkemm ċkejken ħafna.